BIRKIRKARA

Minuti tal-ħamsa u ħamsin laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru , 2016 fis-6 pm.

| | **Il-Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg (Viċi Sindku)<br>Is-Sur Michael Fenech Adami (Assent skuzat)<br>Is-Sur Kaylocke Buhagiar<br>Is-Sur Liam Gauci<br>Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenta)<br>Is-Sur Mark George Abdilla (Assent skuzat)<br>Is-Sur Anthony Buttigieg<br>Is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja<br>Is-Sur Herbert Conti<br>Is-Sur John Mizzi<br>Is-Sinjura Marie Claire Zammit<br>Is-Sur John Borg |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion (Assent skuzat) |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb |

**L-Ufficcjal:**

| | |
|---|---|
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Neil Spiteri |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sur Kaylocke Buhagiar u l-Kunsillier is-Sur John Borg. Dr.Josianne Cardona Gatt kienet assenti waqt li s-Sinjuri Michael Fenech Adami u Mark George Abdilla kienu assenti skużati.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar, is-Sur Matthew Mangion kien assent skuzat.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, attendiet Dott. Francesca Zarb.

Għal din il-laqgha ma kienx hawn il-preżenza tal-pubbliku pero' għall xi ħinijiet kien hawn preżenti l-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Christian Vella.

BIRKIRKARA

## Talba

Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

## 1. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa numru 54

1.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 54 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u wara li s-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom, dawn gew issekondati mill-Kunsillier is-Sur John Mizzi u approvati unanimament.

## 2. Punti mqajjma mill-minuti

2.1 Fuq punt 11.6 - Triq San Giljan saret pero fadal kisja oħra tarmak biex titlesta kompletament. Ir-residenti ta' l-anqas kuntenti li ma fadalx trab fit-triq.

## 3. Kommunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, staqsiet lill-kunsilliera min jista' ikun fl-*interviewing board* sabiex ikun ingaġġjat il-ħaddiem il-ġdid *part time*. Min-naħa tal-Partit Nazzjonalista l-kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit u s-Sur John Mizzi ikkonfermaw li se jirranġaw bejniethom biex ikun hemm xi ħadd minnhom preżenti għall-intervisti. Min-naħa tal-Partit Laburista ħa jkunu preżenti is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja u Is-Sur Herbert Conti.

3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li Ġieħ Birkirkara din is-sena se jsir taħt il-patroċinju ta' l-i*speaker* tal-Parlament Dr.Anglu Farrugia.

3.3 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li hemm bżonn toħroġ tender għal *planer* sabiex isiru xogħlijiet ħfief ta' toroq bejn il-kuntrattur u l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

3.4 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li hemm bżonn tinħareġ kwotazzjoni sabiex isir it-taraġ ta ħdejn il-McDonalds bl-irħam. Kulħadd qabel ma' din il-proposta u għaddiet nem. con.

3.5 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi għandna nagħmlu sejħa fuq kull gazzetta sabiex jinstab is-sid tal-parkeġġ ta' fejn jipparkjaw tal-monti għax ħadd ma jaf ta' min hu.

## 4. Korrispondenza

4.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi fis-sqaq Buzawra għad hemm il-problema tad-dranaġġ iżda il-kunsill rega' tkellem mal-*enginee*r tal-Water Services u dan ikkonferma li d–djar li għandhom il-problemi għandha ssirilhom *non return valve* specjalment dawk id-djar li qegħdin fil-baxx. Kien hemm qbil illi għalkemm dawn il-*valves* għandhom isiru mill-Kunsill, ir-residenti li quddiemhom nagħmluhom għandhom jibdew jieħdu ħsieb il-manteniment tagħhom.

## 5. *Quarterly Financial Report* April-Ġunju 2016

5.1 L-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Christian Vella spjega l-*quarterly financial report* għat-tieni kwart tas-sena. Qabel xejn huwa kkonferma li l-kunsill baqa' *in* line ma dak li kien propost fil-*budget* tal-Kunsill għal din is-sena u in ġenerali l-ispejjeż huma kontrollati. Anke jekk hemm xi *accounts* li fuqhom infaqna aktar, hemm oħrajn li naqsu, u in ġenerali kollox miexi skont il-pjan. Huwa qal illi l-*financial indicator* baqa' stabbli -22%.

5.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech saqsiet kemm niżel id-dejn minn miljun u nofs li wirtet hi. L-*accountant* qal illi bħalissa dejn bħala *payables* fadal € 600,600.

5.3 Fuq mozzjoni tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur John Mizzi, kien hemm qbil li l-*financial statement* ikun approvat u mibgħut id-Dipartiment.

## 6 Il-latrini ta' Triq is-Santwarju u l-Wied

6.1 Rigward il-flus li ntrebħu mill-fond kapitali favur r-ristorazzjoni tal-latrini tal-Wied u tas-Santwarju, is-Sindku pproponiet illi jekk id-Dipartiment ma jaċċettax illi l-flus jiġu trasferiti għal fuq Ġnien Stazzjon, il-Kunsill jibda l-proċess sabiex jirrinovahom u wara jgħaddihom lill-MTA. Ma kienx hemm oġġezzjoni li joħroġ it-tender.

6.2 Il-kunsillier is-Sur John Borg giebed l- attenzjoni li il-latrina tal-Wied kienet magħluqa s-Sibt ta' qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jinvestiga mal-kuntrattur x'qiegħed jiġri u jnaqqaslu l-flus mill-pagament, jekk hemm bżonn.

## 7 Migrazzjoni sħiħa għall-akkwist elettroniku – bord ta' aggudikazzjoni

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ghandu bżonn tliet kunsilliera biex jinħatar il-Bord ta' Aġġudikazzjoni ta' l-*etenders*. Il-Bord se jikkonsisti minn ħames persuni, tnejn li ġeneralment ikunu konsulent tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv u tlieta kunsilliera bil-vot. Kien hemm qbil illi min-naħa tal-Partit Laburista jkun hemm żewġ membri u min-naħa tal-Partit Nazzjonalista jkun hemm mebru wieħed li jiġu jew jalternaw skont id-data, ħin, u s-suġġett tat-tender xi jkun.

## 8. Tender Ġbir ta' Skart BLC2-2015, riaġġudikazzjoni

8.1 Inħatar il-bord sabiex jerġa' janalizza u jagħmel riaġġudikazzjoni ta' dan it-tender. Il-persuni fuq il-bord se jkunu s-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg u l-Kunsillier is-Sur John Mizzi. *Chairman* is-Sur Ray Pellicano u Segretarju tal-Bord is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Neil Spiteri.

## 9. Tender Transport Anzjani

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li meta nfetaħ it-tender bl-*etendering*, instab li hemm żewġ kumpaniji interessati, TDP u Executive. Dan issa jgħaddi għall-aġġudikazzjoni.

## 10. Proposti għall-ġbir ta' skart riċiklabbli

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li rċevejna l-proposti rispettivi mill-kumpaniji *Greenmt* u Greenpak. Peress illi fil-proposti hemm numru ta' *variables*, inħatar bord biex issir analiżi tas-sitwazzjoni. Il-Bord ha jikkonsisti mill-Kunsilliera s-Sinjuri Kaylocke Buhagiar u Liam Gauci, Kunsillier min-naħa tal-Partit Nazzjonista u s-Segretarju Ezekuttiv.

## 11. Kwotazzjoni Barrier Elettroniku tal-garaxx

11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li għal din is-sejħa daħlu żewġ kumpaniji, Alarmtech u AIS. Peress illi l-prezz huwa viċin ħafna u hemm avarija biss ta' 25 euro, l-offerta wkoll se tgħaddi bord ħalli ssir analiżi mhux biss fuq is-sistema imma anke fuq il-*consumables*.

## 12. Kuntratt *Urban Improvement Fund*

12.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-kuntratt mal-UIF ġie ffirmat u l-proġett tal-wied beda. Il-proġett se jiġi jiswa madwar €700,000 u l-MEPA se tkopri €500,000. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech pproponiet illi d-differemnza ta' madwar €200,000 tittieħed, jekk ikun hemm, mill-fondi li aħna nsejħulhom tar-reġjun. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 13. Proġett Ġnien Stazzjon

13.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech semmiet xi ftehim li kien sar bejn il-Kunsill u Ta' Monita u xtaqet issaqsi xi ħaġa dwaru, pero peress li kien hemm xi kunsilliera nieqsa, se ssaqsi fil-Kunsill li jmiss.

## 14. Approvazzjoni tal-Pagamenti, skeda 40

14.1 Tressqet għall-approvazzjoni skeda tal-pagamenti 40. Ma kienx hemm mistoqsijiet u l-pagamenti ġew approvati fuq mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John Mizzi.

## 15. Aggornament

15.1 Il-laqgħa spiccat fis-6.45pm u giet aġġornata *sine die*.

**IFFIRMATA**

Joanne Debono Grech
Sindku

**IFFIRMATA**

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv

Segwi l-laqgħat live fuq

http://www.birkirkaralocalcouncil.com/live-feed